MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 381/2002/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Peress illi l-kontendenti zzewgu bir-rit civili fil-11 ta’ Frar 1989, f’ Oxbridge, Middlesex, Renju Unit, u minn dan iz-zwieg twieldu z-zewg uliedhom minorenni Jamie ta’ sittax (16)-il sena u Kristina ta’ erbatax (14)-il sena.

Peress illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ ghadhiex iktar possibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru kif ukoll minhabba sevizzi gravi, swat, ingurji u mohqrija da parti tal-konvenuta lejn l-attur zewgha.

Peress illi l-attur ghalhekk jixtieq li jissepara *ad mensa et thoro* minn mal-konvenuta martu u konsegwentement issehh ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

Peress illi l-attur jixtieq ukoll li jigi dikjarat li bhala konsegwenza tas-suriferit il-konvenuta martu ddekadiet mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Peress illi l-attur ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghax-xewqa espressa mill-konvenuta martu li l-kura u l-kustodja ta' uliedhom il-minorenni tigi fdata f' idejha, u jinsab anke dispost ihallas manteniment ragonevoli ghalihom skond il-ligi, b' dana illi ghandu jigi zgurat li jkollu access ampju ghalihom.

Peress illi l-attur gie debitament awtorizzat jistitwixxi dawn il-proceduri permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numerat 1755/2001 (Dok. A).

Tghid ghalhekk il-konvenuta in vista tal-premess ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba kompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba sevizzji gravi, swat, ingurji u mohqrija da parti tal-konvenuta lejn l-attur;

2. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti hija xolta u ghalhekk tghaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti, u dana mhux necessarjament fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;

3. Tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mmid-drittijiet konjugali kollha kontemplati fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiffissa modalita' ta' access ampju u xieraq ghall-uliedu l-minorenni James u Kristina.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet: [1] li l-kunjom ghandu jkun ‘B’ u mhux ‘Zachhau’; [2] li hemm qbil dwar it-talba ghas-separazzjoni, izda b’ tortijiet attribwibbli lill-attur; [3] li hemm qbil dwar il-kura u kustodja tat-tfal minuri, izda ghandu jgi fissat manteniment ghaliha, u ghal ulied minuri; [4] li hemm qbil dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u li l-Qorti ghandha tistabilixxi data tax-xoljiment; [5] li l-fond ta’ Ghawdex ghandu jitqies li jappartjeni lill-konvenuta fl-intier tieghu; [6] li t-talba ghad-dekadenza mhijiex gustifikata fil-konfront taghha, stante li l-konvenuta m’ ghandhiex htija ghas-separazzjoni; [7] li l-modalita’ ta’ l-access favur l-attur ghandu jigi bazat fuq l-interessi tal-minuri;

Rat ir-relazzjonijiet prezentati mill-perit tekniku l-AIC Mario Cassar;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Noel Bartolo;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati; kif ukoll in-noti ta’ sottomissjonijiet studjati prezentati mill-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat in-nota prezentata mill-partijiet li biha ddikjaraw li huma jaqblu li l-provi mismugha fil-kawza numru 371/02NC fl-ismijiet inversi u li titratta l-istess meritu, jigu meqjusa bhala prova mismugha u migbura fil-kawza odjerna;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, unikament imputabbli lill-konvenuta; kif ukoll

sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fil-kawza numru 371/02NC fl-ismijiet inversi moghtija llum, u taddottahom f’ dan il-gudizzju b’ mod li jitqiesu formanti parti mill-istess.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, limitatament u fis-sens, li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijet, principalment htija ta’ l-attur, u sekondarjament htija tal-konvenuta;
[2] tilqa’ t-tieni talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata;
[3] tichad it-tielet talba rigward id-dekadenza, stante li mhijiex gustifikata fic-cirkostanzi kontra l-konvenuta;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet, in kwantu ghal tlieta minn erba’ [3/4] mill-attur, u r-rimanenti kwart [1/4] ikun a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------